MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 98/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli fil-lejl ta’ bejn it-2 u t-3 ta’ Ottubru 2006 gewwa “A & J Baldacchino Boatyard” li tinsab fi Triq Benghajsa, Birzebbuga:

(1) Bil-hsieb li jikkommetti serq, wera dan il-hsieb b’atti esterjuri u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi ttenta li jisraq diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi l-Lm100, liema tentattiv ta’ serq huwa kwalifikat bil-mezz, lok, hin u l-valur ghad-dannu ta’ Angelo Micallef mis-

Siggiewi, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu;

(2) Bi hsara tas-sid jew detentur tal-fond imsemmi, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` ta' haddiehor ghad-dannu ta' Joseph Baldacchino mis-Swieqi;

(3) Sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta kif ukoll li kkommetta reat matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 ta' April 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(f), 281(1)(a) u 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Zahra hati ta' tentattiv ta' serq aggravat bil-hin u li kkommetta vjolazzjoni ta' proprjeta` ghad-dannu ta' Joseph Baldacchino u kkundannatu ghal prigunerija ghal tmintax-il xahar, liema perijodu gie sospiz ghal perijodu ta' erba' snin ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi ma sabitux hati ta' l-imputazzjoni ta' recidiva, ta' tentattiv ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, u talli kkommetta reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, mil-liema imputazzjonijiet illiberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Zahra pprezentat fid-9 ta' April 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn gie lliberat u thassarha u tirrevokaha kwantu ghall-kumplament biex b'hekk jigi lliberat minn kull imputazzjoni;

Rat ukoll ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-14 ta' April 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi ssib htija wkoll dwar l-imputazzjonijiet ta' recidiva u ksur ta' sentenza sospiza u b'dan li minflok il-piena nflitta tinfliggi l-piena skond il-ligi u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta l-appell ta' Joseph Zahra peress illi l-aggravju tieghu jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti qatt ma setghet issibu hati ta' tentattiv ta' serq peress illi hawn si tratta ta' sitwazzjoni fejn il-partijiet taw zewg verzjonijiet djametrikament opposti minn ta' xulxin. Il-*parte civile* (li l-appellant jghid li ironikament ghandhom interess jixhdu kif xehdu nonostante dak li qalet l-ewwel Qorti meta giet biex tevalwa x-xiehda moghtija) jghidu li kien l-appellant li kien bil-van tieghu fuq ix-xena tad-delitt fil-lejl in kwistjoni. Mill-banda l-ohra l-appellant jghid li dak il-lejl kien rieqed ghand ommu u ressaq zewg alibi tieghu li xehdu li f'dak il-lejl ma harigx mid-dar. Prova cirkostanzjali ohra li timmilita favur tieghu hi li l-van li suppost kien bih huwa kien qed jizzarma go *scrap-yard* kif anke kkonferma l-ufficjal investigattv. L-appellant jghid li anke huh ikun fl-akkwata ta' fejn sehh l-allegat tentattiv ta' serq. Isostni li hu m'ghandux obbligu li jinvestiga dak li sehh pero` anqas ma huwa gust li ghaliex il-Pulizija ma nvestigatx sewwa mbaghad l-ewwel Qorti "tarmi" l-verzjoni tieghu u temmen lix-xhieda tal-Pulizija f'sitwazzjoni fejn jezisti altru millu dubju ragjonevoli.

L-appellant jghid ukoll illi jhoss li l-kummenti li ghamlet l-ewwel Qorti li hija kienet tinsab f'sitwazzjoni ahjar minn Qrati ohra meta tigi biex tanalizza l-kredibilita` tax-xhieda huma ingusti fic-cirkostanzi u intizi biss biex jikkundizzjonaw lil min irid jiggudika fi stadju ta' appell. Il-fatt hu, jenfasizza l-appellant, li l-komportament tax-xhieda tad-difiza kien wiehed ezemplari u korrett ghall-ahhar, u li anke jekk wiehed jara t-tip ta' risposti moghtija ghall-

kontro-ezami li sar lix-xhieda tad-difiza mill-prosekuzzjoni, jara li ma kien hemm xejn suspettuz fil-mod kif xehdu u ghalhekk wiehed ma jifhimx ghaliex l-ewwel Qorti ghazlet li tghaddi l-kumment imsemmi.

Dwar dan l-ahhar ilment ta’ l-appellant jinghad illi huwa minnu, u gie kostantement ritenut minn din il-Qorti, illi l-Qorti li tara u tisma’ x-xhieda ghandha vantagg peress illi tista’ tevalwa dawk ix-xhieda skond il-kriterji elenkati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. B’daqshekk dan ma jfissirx illi fi stadju ta’ appell ma tkunx tista’ ssir evalwazzjoni kritika u effettiva tal-provi li jkunu ngabu.

Effettivament din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura mill-ewwel Qorti. Huwa evidenti illi hemm verzjonijiet kontrastanti. Izda x-xiehda ta’ xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta’ Lulju 2003, *“mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f’hiex ser temmnu jew ma temmnux”*[3].

Issa, mill-provi migbura jirrizulta li fit-2 ta’ Ottubru 2006 ghall-habta ta’ nofs il-lejl neqsin ghaxra P.S. 827 Edward Grech ircieva telefonata l-ghassa ta’ B’Bugia minghand Joseph Baldacchino fis-sens li waqt li kien ghassa fil-*boatyard* tieghu fi Triq Benghajsa, B’Bugia, dahal van abjad bin-numru CAI-775. Joseph Baldacchino wara mar l-ghassa biex jaghmel ir-rapport. P.S. 827 qal li fir-rapport nizzel dak li qallu Joseph Baldacchino. Fir-rapport hemm indikat testwalment hekk: *“[Joseph Baldacchino] irrapporta llum gewwa l-ghassa Birzebbuga li meta kien qieghed ghassa fil-boatyard A & J Baldacchino flimkien*

---

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

*ma' missieru Anthony Baldacchino peress li ghal dan l-ahhar zmien kemm-il darba safa misruq, innotaw van abjad bin-numru tar-registrazzjoni CAI-775 diehel lejn il-boatyard. Dan dahal go sqaq u tefa l-van. Kompla jistqarr li malli ra hekk hu u missieru hargu u ghalqu l-van bil-karozza taghhom u saqsew lix-xufier tal-imsemmi van x'kien qed jaghmel hemm, fejn dan wiegeb li ghax kien waqaflu l-van. Malli qalilhom hekk huma qalulu li kienu qed icemplu l-Pulizija u malli sema' dan startja l-van u saq b'kemm kellu sahha 'l barra."*

**Anthony Baldacchino** xehed illi fit-2 ta' Ottubru 2006 hu u t-tifel Joseph kienu ghassa fil-*boatyard* taht kostruzzjoni bil-lejl. Gie xi hadd b'karozza u pparkja bejn zewg hitan. Qal illi l-persuna kienet l-imputat (l-appellant odjern). Dan nizel mill-karozza u dahal fil-bini taghhom u hareg. Zied jghid li kien hemm hi-mac li tela' fuqu. Ix-xhud qal li qabad il-karozza u ghalqu minn wara biex jara ezattament min kien *"u gie jigri u ghidtlu 'hawn int' u staqsejtu x'kien qed jaghmel hemm u qalli li ghax waqfitlu l-karozza. Jiena ghidtlu li jiena kont hadtlu n-numru tal-karozza u li kienu gejjin il-pulizija. Lill-pulizija tajthom in-numru tal-van. Dak il-hin huwa startja l-van u telaq 'l hemm."* Ix-xhud qal li mar ma' ibnu jaghmlu rapport l-ghassa u mbaghad [il-pulizija] haduh Hal-Far fejn gharaf il-karozza in kwistjoni. Lill-appellant gharfu minn ritratti ta' persuni differenti li wrewh il-Pulizija.

**Joseph Baldacchino** xehed li ghandu *boatyard* Birzebbuga u kienu qed isiru xi xoghlijiet fiha. Il-bennej kien ghadu kemm saqqaf is-soqfa u kellu xi gaggijiet li beza' li ser jigi l-ghada u ma jsibhomx. Ix-xhud assigurah li kien se joqghod ghassa anke peress illi xi granet qabel kienu sabu xi affarijiet neqsin. Fil-gurnata in kwistjoni tard bil-lejl giet karozza bajda, speci ta' *pick-up*, li dahlet go speci ta' sqaq bejn il-*boatyard* u triq ohra, is-sewwieq nizel u dahal fil-*premises* taghhom fejn qed jibnu. Cempel il-112 biex javzahom u mar jara n-numru tal-karozza. *"Meta mort fil-karozza tieghi wara l-karozza l-bajda, ilhaqt hadt in-numru u cempilt lill-pulizija u dan meta ra hekk telaq jigri. Staqsejtu x'kien qed jaghmel hemm. Qalli li kienet waqfitlu l-karozza. Ghidtlu 'waqfitlek il-karozza hawn hekk?' jiena.*

*Ilna nsibu affarijiet neqsin. Meta jiena cempilt 112 u ghidtlu bin-numru tal-karozza tieghu, telaq jigri u startja l-karozza u harab mit-tarf l-iehor.”* Ix-xhud gharaf lill-imputat bhala l-persuna imsemmija. Qal li hu u missieru Anthony ma kinux fejn xulxin, missieru kien wara l-karozza u x-xhud wara c-cint u t-tnejn li huma setghu jaraw minn fejn kienu. Kompla jghid li *“f’hin minnhom nahseb li ra l-moviment tal-karozza ghax meta jiena mort biex niehu n-numru tal-karozza tieghu, ftit wara gie hdejja. Nghid li fil-workshop beda jdur liberament u hadd ma seta’ jfixklu.”*

L-appellant cahad li kien hu li mar fil-*boatyard* in kwistjoni u sostna li dak il-hin hu kien rieqed id-dar. Inoltre qal li l-van li allegaw li raw Anthony u Joseph Baldacchino hu bil-hsara. Huwa pproduca bhala alibi lil ohtu Anne Marie Zahra u lil ommu Margaret Zahra. Anne Marie Zahra qalet li l-appellant kien mar id-dar qabel it-8.00 p.m. u ma regax hareg. Margaret Zahra wkoll xehdet illi kien id-dar ghall-habta tat-8.00 p.m. u mal-lejl ma harigx. Il-kaz in kwistjoni sehh ghall-habta ta’ nofs-il lejl neqsin ghaxra. Accettando li fit-8.00 p.m. kien id-dar, la Anne Marie Zahra u lanqas Margaret Zahra pero` ma jghidu kif jafu li dak il-hin l-appellant kien ghadu d-dar. Mill-banda l-ohra kemm Anthony Baldacchino kif ukoll Joseph Baldacchino ghamlu identifikazzjoni pozittiva ta’ l-appellant u din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tarax ghaliex ghandha tiskarta dik l-identifikazzjoni. L-istess jista’ jinghad ghall-identifikazzjoni li ghamlu tal-van li kien bih l-appellant.

Il-kwistjoni li din il-Qorti trid tezamina huwa jekk effettivament jistax jinghad li sehh tentattiv ta’ serq. Fil-fatt hemm certi kuntrasti bejn dak li xehdu Joseph u Anthony Baldacchino u dak li suppost gie rrapportat minnhom lill-Pulizija. Filwaqt illi meta xehdu quddiem l-ewwel Qorti qalu li l-appellant dahal fil-*boatyard*, ma jirrizultax illi dan qaluh lill-Pulizija *a tempo vergine*. Fix-xiehda tieghu Anthony Baldacchino jghid li l-appellant dahal fil-bini taghhom u hareg. Jghid ukoll li tela’ fuq hi-mac izda ma jghidx ta’ min kien dan il-hi-mac u lanqas fejn kien qieghed il-hi-mac. Minn kif spjega dak li gara, donnu fisser li l-hi-mac kien barra l-proprjeta` taghhom u l-appellant tela’ fuqu wara li hareg mill-proprjeta` taghhom. Jekk l-

appellant kien bil-van, zgur ma kienx se jitlaq bil-hi-mac! Joseph Baldacchino wkoll jixhed biss li ra lill-appellant diehel fil-proprjeta` taghhom. Is-sit huwa wiehed taht kostruzzjoni u jidher li kien facilment accessibbli ghal kulhadd. Difatti la rrizulta li kien hemm skalar u lanqas sgass. Anthony u Joseph Baldacchino qalu li kien hemm okkazjonijiet fejn insterqu xi affarijiet mis-sit u ghalhekk naturalment issuspettaw li l-iskop ta’ l-appellant kien li jisraq. Izda jekk din kienet l-intenzjoni ta’ l-appellant, jista’ jinghad li kien hemm il-bidu ta’ l-ezekuzzjoni tad-delitt? L-intenzjoni tieghu kienet li jisraq jew li jikkommetti xi delitt iehor, per ezempju d-delitt ta’ hsara volontarja? X’kien hemm x’jinsteraq? Mill-provi jirrizulta li Anthony Baldacchino u Joseph Baldacchino kienu qeghdin jaghmlu l-ghassa peress illi Angelo Micallef, il-bennej, beza’ li setghu jinsterqulu l-gaggijiet (jacks) u l-armar tas-saqaf. Dan jghiduh kemm Angelo Micallef kif ukoll Joseph Baldacchino. Joseph Baldacchino sahansitra qal li lill-bennej qallu biex ma jinkwieta xejn u li kien lest joqghod ghassa ma’ dawn il-gaggijiet u jghaddi l-lejl hemm. Skond Angelo Micallef il-valur tal-gaggijiet kien ta’ Lm400. Izda l-ewwel Qorti lanqas ma sabet li kien hemm l-aggravju tal-valur. Naturalment ghax ma kien hemm l-ebda prova li l-appellant ghamel xi tentattiv biex jisraq dawn il-gaggijiet. Mela jekk dahal jisraq, x’mar jisraq?

Huwa veru li meta Anthony u Joseph Baldacchino kkonfrontaw lill-appellant u saqsewh x’kien qed jaghmel, qal biss li waqfitlu l-karozza u kif semmewlu l-Pulizija telaq jigri biha. Din tista’ tittiehed bhala evidenza ta’ *a guilty mind*. Izda xorta ma twassalx ghat-twegiba ghall-kwezit jekk l-appellant dahalx jisraq jew sabiex jikkommetti xi reat iehor. Konsegwentement din il-Qorti sejra tilliberah mill-ewwel imputazzjoni.

Ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali jiddependi mis-sejbien ta’ htija ta’ l-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni. Galadarba se jigi dikjarat mhux hati ta’ dik l-imputazzjoni u t-tieni imputazzjoni hi biss ta’ natura kontravvenzjonali, allura r-rikors ta’ l-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali izda tilqa’ l-appell ta’ Joseph Zahra limitatament billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ tmintax-il xahar sospizi ghal erba’ snin, tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghall-hlas ta’ ammenda ta’ tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (58.23) pagabbli minnufih u fin-nuqqas jigu konvertiti f’detenzjoni bir-rata ta’ gurnata ghal kull hdax-il euro u hamsa u sittin centezmu (11.65) jew frazzjoni taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------